KUNSILL LOKALI KALKARA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 02/2020

18 ta' Frar 2020

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsillier |
| Speranza Chricop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**3.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

3.1.1 Ma kienx hemm

**3.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

3.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 2 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

3.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sinjura Maria Sultana, il-minuti ġew approvati unanimament

**3.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**Is-sindku kkonferma illi xi punti mill-minuti preċedenti huma mniżżlin bħala punti ewlenin fuq l-aġenda li ser tkun qed tiġi diskussa waqt din is-seduta.**

3.3.A A1 Is-Sindku ħabbar illi l-boroż tal-iskart organiku kienu wasslu wkoll biex jitqassmu lir-residenti bil-proċeduri normali tas-soltu.

Is-Sindku informa l-kunsill bl-aħħar żvilluppi fuq is-sea bin fejn ukoll ġie kkonfermat illi kif jitlestew l-aħħar ftit loġistiċi minn naħa ta' persuni tekniċi dan ser ikun qed jaħdem, kif ukoll is-Seg Eżek kienet qed tieħu ħsieb tiġbor lista ta' persuni li kkontrabixxew biex il-Kalkara jkollha sea bin fil-lokal.

A2 Is-Sindku ħabbar illi fil-jiem li ġejjin ser ikunu qiegħedin jinqalaw is-siġar taż-żebbuġ tax-Xatt għal postijiet oħra ġewwa l-lokal. Dan huwa l-bidu tal-proġett kapitali li ser isir mill-gvern ċentrali għal tisbieħ tax-Xatt tal-Kalkara. Dan ser isir wara li ngabu l-permessi kollha neċessarji mill-awtoritajiet kompetenti hekk kif inhu suppost u skond il-liġi

A3 Is-Sindku informa l-kunsill illi ser ikun qiegħed jiskeda laqgħa formali mall-Ministru l-ġdid tat-turiżmu biex b'hekk ikun jista' jiddiskuti mill-bidu l-possibilta' tat-tkabbir u tranġar tal-bajja ta' Rinella.

A4 Is-Sindku informa l-kunsill illi wara li hu ġie infurmat b'kawża l-qorti li anka l-kunsill kien mgħajjat jixhed rigward il-binja tal-għassa fil-lokal, huwa tkellem ma' nies ikkonċernati f'dan il-każ fejn ikkonfermawlu illi d-deċiżjoni ser tiġi appellata minn naħa tal-pulizija li dan ifisser illi l-għassa ser tkun operattiva għalissa. Avolja din il-kwistjoni ma taqax taħt ir-responssabilta' tal-kunsill is-Sindku xtaq jaqsam

din l-informazzjoni mall-kunsill biex wieħed iserraħ moħħu għalissa li ser jibqa' għassa ġewwa l-Kalkara.

3.3.B Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi ir Reġjun Xlokk ser ikun qed jieħu ħsieb li joħroġ tender in komuni bejn il-kunsilli li jifformaw parti minnu għal tiswijiet ta' dawl fit-toroq.
Il-kunsill qabel illi l-Kalkara għanda terġa' tkun parti minn dan it-tender bħas-snin preċedenti.

3.3.C Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi is-'cigarette bins' li ġew mogħtija lill-kunsilli fosthom il-Kalkara tweħħlu f'postijiet prominenti fil-lokal li jinkludu :

L-istages tax-Xatt , ta' quddiem Esplora dik ta' Missjoni Taljana kif ukoll ser ikun hemm possibilta' li jingħata bin ieħor lill-Kalkara fejn f'dak il-każ jitweħħel ukoll f'post fejn l-iktar jista' jiġi użat b'mod approprjat.

3.3.D Is-Sindku informa l-kunsill dwar l-aħħar żviluppi fuq id-devoluzzjoni tas-siti li ġew mgħoddija lill-kunsill aktar kmieni is-sena l-oħra wara laqgħat formali li kellu hu flimkien mas-Seg Eżek mad-dipartiment tal-kura primarja fejn dawn tal-aħħar ikkonfermaw illi s-sit huwa wieħed ideali biex issir berġa ikbar b'żieda ta' servizzi ġodda bil-possibilta' ta' servizz ġdid bħala proġett pilota għal benefiċċju tar-residenti tagħna kif ukoll bil-possibilta' li residenti tal-lokalitajiet tal-madwar jinqdew ukoll minn din il-berġa ġdida li ser ikollna ġewwa l-Kalkara.

Is-Sindku żied jgħid illi fil-bidu tal-legislatura tiegħu, huwa kien dejjem ġie gwidat ħażin fuq l-istat ta' dawn is-siti fejn dan irrealizza l-kontra wara li hu personali daħal ġo fihom flimkien mall- ħaddiema tal-kura Primarja u dawk tal-lands authority.

Il-kunsill qabel unanimament illi dawn is-siti għandom jiġu devoluti lill-kunsill biex b'hekk il-kunsill ikun jista' jgħaddihom lill-Kura Primarja biex jamministrawhom huma.

Is-Sindku informa l-kunsll illi wara li hu kompla jagħmel enfażi fuq il-fatt illi l-kirja hija ta' piż fuq il-kunsill ta' dan is-sit il-Kurja Primarja aċċettat illi saħansitra l-kirja tiġi mghoddijja lura lill-kunsill minn naħa tagħhom la darba l-post ser ikun qed jintuża minnhom għall benefiċċju tar-residenti tagħna.

Is-Sindku qal ukoll illi din il-kwistjoni saret waħda uffiċjali anke ma għaqda partikolari fil-lokal li kellhom interess ukoll li jieħdu dan is-sit għal affini tagħhom waqt laqgħa informali li hu kien preżenti flimkien ma' din l-istess għaqda, fejn għamilha ċara illi la darba l-post ġie kkonfermat bħala wieħed tajjeb biex issir berġa fil-lokal ma kienx ser ikun hu li jtellef din il-possibilta' lir-residenti biex il-post jiġi mċedi l-ħaddieħor.

3.3.E Is-Sindku informa l-kunsill dwar rapport li kien għamel matul dan ix-xahar fuq il-kwistjoni li diġa' kienet ġiet diskussa mill-kunsill fuq il-kwistjoni tal-iżvilupp ġewwa Triq Patri Mattew Sultana u l-cart ruts li jinsabu fl-inħawi, dan il- għaliex id-developer kien qabad jagħmel xi xogħol wara illi l-permess ġie sospiż mill-'planning authority.'

3.3.f Is-Sindku informa l-kunsill illi aktar kmieni dan ix-xahar kellu laqgħa importanti rigward ix-xogħolijiet li qed isiru ġewwa taraġ San Ġużepp fejn kienet preżenti ukoll is-Sinjura Maria Sultana. Ġew diskussi d-diffikultajiet u l-ilmenti kollha li l-kunsill kellu rigward it-tul ta' żmien li dawn l-istess xogħolijiet ħadu u li għadhom mhux konklużi minn naħa tal-education.

Is-Sindku qal illi wara din il-laqgħa li hu kellu flimkien mas-Sinjura Sultana huma ġew imwgħeda illi min hu inkarigat minn dawn ix-xogħolijiet ser ikun aktar 'hand on' għal dak li jkun qiegħed jiġri kif ukoll ikkonfermaw illi x-xogħolijiet kellom ikunu lesti bit-taraġ miftuh għal pubbliku kif suppost sa Mejju 2020

3.3g Is-Sindku informa l-kunsill dwar laqgħa li kellu mad-direttur ta' manutenzzjoni li qed jieħu ħsieb ix-xogħolijiet u l-proġett li qed isir taħt bighi flimkien mas-Seg Eżek. Għal din il-laqgħa u vista kien mistieden ukoll il-viċi-sindku s-Sur Vincent Bongailas izda gie skużat ftit ħin qabel l-istess laqgħa
Huwa spjega illi saħansitra hu kif ukoll is-Seg Eżek niżlu fil-'construction site' li hemm fil-preżent biex jifhmu aħjar dak li qiegħed jiġri speċjalment rigward il-fatt illi t-taraġ li kien dejjem miftuħ għall-pubbliku ilu magħluq mhux ħażin.
Tajjeb li wieħed jgħid illi dan it-taraġ fil-preżent huwa magħluq ħabba 'health and safety' għan-nies minħabba l-fatt illi bħalissa l-akkwata hija kollha inġenji kbar, trab u tkissir. Is-Sindku ura ritratti li hu stess ħa wara din il-mawra fis-sit ta' kostruzzjoni bħala prova ta' dak li kien qiegħed jgħid. Din iż-żona kienet dejjem pubblika u hekk ser tibqa' bid-differenza illi issa ser tkun qed tiġi rranġat bl-aħjar mod possibli biex wieħed ikun jista' jimxi kif ukoll jieħu pjaċir bil-veduti sbieħ tal-Kalkara.

Fuq nota oħra s-Sindku qal illi għal kuntrarju ta' dak li s'issa dejjem ġie infurmat il-kunsill fuqu l-kwistjoni tat-transport bil-baħar m'hijiex konkluża infatti waqt din il-laqgħa inħareġ il-fatt illi l-esplora wrew ix-xewqa mal-awtoritajet ikkonċernati li tibda torbot id-dgħajsa biex wieħed ikun jista' jmur postijiet ohra fil-madwar mill-Kalkara pero' sa din il-ġurnata ma kien hemm xejn ikkonfermat. Is-Sindku saħaq jgħid illi hu ser ikun qed jagħmel pressjoni f'isem il-kunsill ma' dawn l-istess awtoritajiet li bħalissa qiegħedin iħejju pjan ta' transport alternattiv f'xi lokalitajiet biex il-Kalkara tiġi inkluża f'dan il-pjan la darba l-landing ma' fejn torbot id-dgħajsa ser ikun qiegħed jiġi mħejji u lest li jintuża bħala parti mill-proġett ta' bighi.

Fuq nota oħra s-Sindku kkonferma illi la darba jiġi rrestawrat il-lift ta' taħt bighi mhux ser ikun miftuħ għal pubbliku pero' jista' jiġi wżat minn nies li jżuru l-Espolora biss.

3.3 h Is-Sindku informa l-kunsill illi l-latrina tax-Xatt ser tkun qed terġa' tinfetaħ b'impjegat ġdid illi ser ikun qed jibda mall-kunsill bl-iskema tal-ħaddiema pero' safrattant huwa kien qiegħed jikkordina/ jiddiskuti mal-cleansing department il-possibilta' biex imqar għaż-żmenijiet tas-Sajf din il-latrina ikollha attendant magħha ħabba raġunijiet ovvji.

3.3i Is-Sindku qal li jridu jittieħdu miżuri ġodda fejn bihom il-kunsill ikun qed jgħin lilu nnifsu fis-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu dan anka wara li kellna l-laqgħa mal-accountants u saret spjegazzjoni dettaljata tal-qagħda finanzjarja tal-kunsill.

Waqt dan il-punt tqajmu punti li jikkonċernaw l-impjegati amminitrattivi tal-kunsill li jinkludu:

- Il-Mobile tas-Segretarju Eżekuttiv
- Impjegati part time
- Overtime
- Biddla fil-ħinijiet u oħrajn

Fuq suġġeriment tal-kunsilliera Maria Sultana l-kunsill qabel unanimament illi din il-kwistjoni għandna tiġi diskussa waqt laqgħa informali bis-Seg Eżek preżenti dan il-għaliex il-ħaddiema amministrattivi jaqaw taħt ir-responsabbilta' tagħha u mhux taħt ir-responsabbilta' tan-naħa politika tal-istess kunsill. Il-kunsill qabel ukoll illi kull każ/ impjegat għandu jiġi diskuss għalih biex wieħed ikun jista' janalizza aħjar is-sitwazzjonijiet differenti tal-impjegati tal-istess kunsill.

Is-Sinjura Sultana saħħqet illi veru li l-kunsill qiegħed f'qagħda prekarja fil-qasam tal-finanzi pero' miżuri fuq l-impjegati tal-kunsill m'humiex ħa jtejbu l-qagħda finanzjara jekk m'humiex ħa jttieħdu deċiżjonijiet oħra fuq infieq żejjed li l-kunsill jagħmel.

3-3j Is-Sindku ħabbar illi tajjeb li fuq il-paġna uffiċjali tal-kunsill ta' fb jinqdew jittellgħu l-permessi kollha li jkun hemm maħruġa dan biex wieħed ikollu idea xi jkun qiegħed jiġri fit-triq tiegħu. Fl-istess ħin ċerti abbuzi inkunu nistgħu nirrapurtawom aħjar meta wieħed jara xi ħaġa li ma kinitx imniżżla fl-iskeda uffiċjali li aħna inkunu qiegħedin inħabbru.

3.3 k Is-Sindku enfasizza bil-kbir illi l-kunsilliera m'għandom qatt iwgħedu xejn lil ħadd dan il-għaliex xi residenti kienu qiegħedin javviċinawh u jgħidulu illi dak il-kunsillier partikolari kien wgħedom xi affarijiet li lanqas hu stess ma kien jaf bihom. Is-Sindku talab lill-membri kollha biex ikunu aktar responsabbli fid-diskors tagħhom mall-pubbliku,

3.3l Is-Sindku informa l-kunsill dwar il-fatt illi l-kuntratt preżenti tal-ġbir tal-iskart li jinkludi t-tbattil tal-iskips irid jiġi rrevedut mal-kuntrattur bil-possibilta' li l-kunsill jibda iħallas prorata ta' kemm fil-verita' għandu skips dan il-għaliex fil-preżent il-kunsill qiegħed iħallas ta' 20 skip b'kollox meta fil-verita' fil-lokal għandna biss 16.

Is-Sindku żied jgħid illi hemm lwok li jitnaqqsu aktar skips kif ukoll żoni li għandom skips viċin xulxin għadom jiġu allokati flimkien biex b'hekk wieħed inaqqas mill-ħmieġ fil-lokal stess. Sar ukoll eżerċizzju dan ix-xahar flimkien mas-Seg Eżek kif ukoll mal-contracts manager fejn ġew diskussi possibiltajiet ta' 'shifting' ta' xi skips ukoll li jinkludi:

- L-iskips ta' Triq Patri Mattew Sultana titneħħa
- L-iskips tal-Married Quarters jitneħħew
- L-iskip ta' Triq Luigi Pisani tan-naħa ta' fuq titniżżel fit-triq ta' taħt fejn hemm mill- bring in sites.
- L-iskip ta' Triq is-Sienja titneħħa speċjalment minħabba l-fatt li qiegħeda fil- viċinanzi tal-iskola
- L-iskip ta' Santu Rokku titneħħa
- L-iskip ta' fejn Smart City titneħħa

Fuq suġġeriment tas-Sinjura Speranza Chircop il-kunsill qabel illi l-iskips għandom ikunu tal-kulur aħdar dan il-għaliex il-bojod huma sinonimi mal-iskart riċiklat u r-residenti qiegħedin jitfixxklu.

Is-Sindku qal illi ser ikun qiegħed jiltaqa' mal-kuntrattur biex jiddiskutu flimkien miegħu l-aħjar mod possibli biex il-kwistjoni tal-iskips fil-lokal tiġi solvuta darba għal dejjem speċjalment dawk l-iskips li jsiru abbużi sfrenati magħhom ta' skart goff u aktar.

Is-Sindku żied jgħid illi dawn id-deċiżjonijiet huma suġġett għal ħafna kritika mir-residenti sakemm tindara l-biddla bħal ma jiġri ħafna drabi.

## 3.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

3.4.A1 Is-Sur Vincent Bongailas ikkumenta rigward il-possibbilta' li jkun hawn aktar sigurta' fit-toroq tal-Kalkara bil-possibilta' li jitweħħlu cctv cameras fil-lokal bħal ma saru lokalitajiet oħra minn naħa tal-Lesa.

Is-Sindku żied jgħid illi l-proċess biex wieħed iweħħel cctv cameras fil-lokal huwa proċess burokratiku immens speċjalment biex wieħed ikun konformi mal-liġi tal-GDPR. Saħaq li ilhom għaddejin diskussjonijiet fuq CCTV Camera partikolari.

3.4.A2 Is-Sur Vincent Bongailas, informa lill-kunsill illi fil-preżent għaddej b'diskussjonijiet ma' knoxxenzi tiegħu fuq il-possibilta' li jsir ġemellaġ mingħajr mal-kunsill joħroġ flus fuq is-suġġett tal-isports fil-futur qarib.

3.4.A3 Is-Sinjura Maria Sultana staqsiet fuq żewġ bankijiet li hemm imweħħlin in-naħa tax-Xewkija minn min ġew imweħħla biex b'hekk isirulom il-manutenzzjoni li hemm bżonn fuqhom speċjalment li riesaq is-sajf.

3.4.A4 Is-Sinjura Maria Sultana staqsiet għar-ritratti li ġew meħuda mill-fotografu waqt is-serata ta' Jum il-Kalkara l-għaliex kienu qed jistaqsuwa xi nies għalihom.

3.4.A5 Is-Sa. Maria Sultana infurmat il kunsill illi il bankina ta bejn triq ix-xatt u triq il kapuccini qeda tizloq minhabba li telgha haxix ahdar fuqa biex il haddiema jiehdu hsieba biex ma jaqa' ħadd.

3.4.B1 Il-Kunsilliera Speranza Chircop infurmat il-kunsill dwar ħarġet kulturali li ser tkun qed tagħmel fix-xahar ta' Marzu għall-irġiel fejn ser iżuru t-tempji ta' ħaġrat b'inklużjoni ta' ikla wara.

3.4.B2 Il-Kunsilliera Speranza Chircop infurmat il-kunsill dwar ħarġa oħra li ser tkun qed tiġi organizzata minn naħa tagħha f'isem il-Kunsill Lokali għal anzjani..

3.4.B3 Il-Kunsilliera Speranza Chircop infurmat lill-kunsill illi bdiet l-arranġamenti kollha biex torganizza mawra għal Sqallija bħal kull sena. Aktar dettalji dwar din il-ġurnata ser tkun qed tingħata l-kunsill kif ikollha l-konfermi kollha f'idejha.

3.4.C1 Il-Kunsillier Chris Bruno saħaq illi hemm bżonn aktar sigurta' fil-lokal speċjalment wara l-ħruq ta' karozzi li ġarrbu xi residenti fiż-żona ta' Triq Luigi Pisani. Huwa fakkar il-kunsill illi xi snin ilu waqt meeting informali mall-puluzija kienet ġiet diskussa l-possibilta' li jsiru cctv cameras fid-dħul u ħruġ mill-Kalkara bħala monitoring għal kull eventwalita' li tista' tinqala.

Is-Sur Bruno informa l-kunsill illi waqt laqgħa li attenda hu f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara mal-kumitat tal-integrazzjoni li kien qiegħed jattendi hu b'mod regolari ġie nnutat illi tajjeb li l-kunsill jippromovi dak kollhu li jkun qiegħed jiġri fil-lokalita' fuq website partikolari li bħala Kunsill Lokali Kalkara nagħmlu parti minnha .

3.4.C2 Il-kunsillier Chris Bruno staqsa jekk il-basktijiet li tqassmu lir-residenti Kalkariżi kienux inxtraw b'xi fondi speċjali. Is-Seg Eżek ikkonfermat illi dawk kienu fondi tal-LESA u kienu speċifiċi għal Kunsill Lokali Kalkara.

3.4.C3 Il-Kunsillier Chris Bruno talab lis-Seg Eżek tieħu ħsieb tagħmel rapport mal-awtoritajiet ikkonċernati rigward il-fatt illi nibtet tip ta' siġra fuq is-saqaf tal-kappell tas-salvatur li kienet qed tagħmel il-ħsara fil-ġebel bl-għeruq tagħha stess sfortunatament.

3.4.D 1 Is-Sur Bruno talab li isir xi tip tad-dawl mal-faċċata tal-kappella tas-Salvatur dan il-għaliex fil-ħinijiet tal-quddies ta' filgħaxija n-nies li tattendi qeda tidħol u toħroġ fid-dlam.

**3.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**Is-Sur Chris Bruno reġa' talab lis-Seg Eżek timmarka fuq l-iskeda u jekk jista' jkun tibgħatilom qabel kif tintbgħat l-agenda u l-minuti f'email dawk l-ispejjeż li jkunu ser jiġu refunded lura l-kunsill minn xi skema , reġjun u oħrajn biex il-kunsill ikollu ċans jara sewwa l-infieq tal-kunsill qabel ma jiġi ffirmat uffiċjalment id-dokument waqt is-seduta formali.**

3.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' ħlasijiet (Skeda nru2/20) għall-approvazzjoni.

3.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Vince Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

**3.6 Mozzjonijiet**

3.6.1 Ma kienx hemm

**3.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

3.7.1 Is-Seduta ntemmet fis-7:00 pm. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għat-24 ta' Marzu 2020 fl-4:00 pm.

Konfermati, illum ______________________________

| | |
|---|---|
| **Wayne Aquilina** | **Elaine Caruana** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |